**Laqgha Numru 14/K6/2010**

**Introduzzjoni**

L-Erbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar l-Erbgha 23 ta' Gunju 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat kienu skuzata minhabba li kienu ndisposti.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-15 ta' Gunju 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2010.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Tender 02/2010 – Collection of Mixed Household Waste.**

**10. Bye Law dwar il-bejgħ ta' kotba u suvenir tal-Kunsill.**

**11. Kwotazzjonijiet 10 u 11/2010.**

**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**13. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 13/K6/2010 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 2.09 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien informa lill-Kunsill li kien tkellem ma' l-organizzatur u issa l-attivita' ser issir bejn il-11 u l-14 ta' Novembru 2010 kif ukoll li l-prezentazzjoni ser issir nhar is-Sibt 11 ta' Dicembru 2010 (post ikun indikat aktar tard) waqt attivita' li ser taghmel l-Ghaqda fejn ser ikun mistieden il-Kunsill sabiex jaghmel il-prezentazzjoni.

2.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu jipprezenta tazzi minnaha tal-Kunsill ghal din l-attivita' ghas-spejjez tal-Kunsill.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 2.10 u ghall-Minuti 12/K6/2010 item 17.15 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li titqassam leaflet lir-residenti biex ma jitfghux skart biswit l-iskips meta dawn ikunu mimlija kif ukoll ma jiddepozitawx skart fejn ma hemmx skips minhabba pieni horox kontemplati bil-ligi u r-residenti u ghandhom jigu nfurmata li ghandu jigi depozitat biss materjal organiku u kull materjal iehor imur tajjeb ghar-riciklagg ghandu jigi depozitat fil-Bring in Sites, is-Sindku nforma lill-Kunsill biex din il-leaflet titqassam b'informazzjoni wara li jkun approvat il-Kuntrattur il-gdid li se jkun qed jigbor l-iskart. Il-kelliem fakkar li ser jitqassam fuljett simili minn GreenPak bhala kampanja edukattiva wara li jkun varat dan il progett.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 2.15 u ghall-Minuti 12/K6/2010 item 17.61 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li jigi rrangat fanal li hemm imkisser ma' Blokk 7, Flat 7, Triq l-Imhallef William Harding, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan kien ghadu ma sarx minhabba li hadd mill-Kunsilliera ma kien ghadu ndika liema huwa bil-hsara.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 6.33 u ghall-korrispondenza numru **46/3247/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li jsir dak mitlub sabiex jigi ppubblikat ir-rapport SEAP, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsill sabiex isir elenku ta' dak li hemm bzonn isir u rrakkomanda lill-Kunsill li jsir pjan ta' meta ser isir dak mitlub.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 11.23 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 10/2010 – Printing ta' Letterheads**, il-Kunsill ghandu japprova wara li jitlob sample liz-zewg kumpaniji, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu Inserv biss li provdew is-sample.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 11.26 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 11/2010 – Provvista ta' karti** tinghata lill-kumpanija **Inserv Limited** izda kienu ntalbu li jipprovdu sample, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kumpanija kienu provdew sample kif mitlub.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li hija kienet tilfet il-lapel pin tad-deheb li kien provda l-Kunsill u ghalhekk kienet ipproponiet li tinxtara lapel pin ohra ghaliha, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu ghadu qed jistenna stima minghand il-fornitur.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.10 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li permezz tal-haddiema assenjati mill-ETC jinzebghu l-parking bays tal-mini buses fil-parkegg li hemm biswit is-St. Michael's Foundation, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol ser isir fil-gimghat li gejjien.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.13 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona biex flimkien mas-Sindku Joe Zammit jahdmu biex il-Kunsill jorganizza mawra kulturali ghal Pembroke f'Wales ghall-ahhar ta' April bidu ta' Mejju 2011, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li sal-laqgha li jmiss ser jaghti taghrif fuq dan wara li jkollu diskussjoni mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

2.11. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jaghmel kuntatt mal-Kunsill ta' Pembroke Town f'Wales sabiex ifornu lill-Kunsill bil-prezzijiet ta' transfers minn Bristol lejn Pembroke u lura kif ukoll il-prezzijiet tal-lukandi fil-perjodu ta' Mejju meta jkun hemm ic-cerimonja tal-bdil tas-Sindakat.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.13 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li jsir Coffee Morning ghar-residenti fid-Danish Village nhar l-Erbgha 23 ta' Gunju 2010, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kwotazzjoni minghand dan l-istabbiliment baqghet qatt ma waslet ghand il-Kunsill, ghalkemm issa l-attivita' saret.

2.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-kwotazzjoni ghandha tintbaghat minhabba li min kellu jibghata baghat wahda bi zball.

2.14. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.19 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jorganizza barbikju fuq il-bejt tal-kumpless Bay Street u dan wara li kien tkellem mas-sur Paul Camilleri ta' Baystreet fejn offra l-facilitajiet lill-Kunsill ghall-attivitajiet socjali u kulturali fejn il-kelliem kien ippropona ukoll li mas-Sindku Joe Zammit jitkellmu ma' sid ir-restaurant li hemm fuq il-bejt ta' l-istess kumpless sabiex jinghataw prezz tajjeb, is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu marru biex jitkellmu ma' sid l-istabbiliment izda ma sabuhx hemm. Il-kelliem qal li ser jergghu jippruvaw drabi ohra.

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.22 fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona biex jergghu isiru l-linji tal-kaxxi ghall-karozzi f'San Patrizju kif ukoll sabiex fejn m'hemmx isiru kif ukoll fejn hemm xquq jew qsim fit-triq, wara l'issir spezzjoni u tingabar stima minghand il-kuntrattur, jissewwew halli l-linji jidhru ahjar, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol ser isir fil-gimghat li gejjien.

2.16. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.32 u 14.33 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li jigi rrangat il-Gnien ta' St. Patrick's u Gnien 4 ta' Lulju kif ukoll kien issekonda u zied li dawn ghandhom isiru wara li jinkiseb il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jintuzaw il-fondi ring fenced tat-toroq u li l-Kunsill jitlob laqgha ukoll mas-sur Bugelli dwar dan, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-bierah saret laqgha mad-Direttur Generali s-Sur Bugelli flimkien ma' Gemma Debono u Silvio Frendo mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn flimkien zaru l-postijiet indikati kif ukoll wara saret laqgha fl-ufficcju tal-Kunsill. Il-kelliem qal li kien hemm prezenti ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava, il-Kunsillier Joe Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

2.17. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.36 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jorganizza attivita' ghal Jum il-Missier kif ukoll li dettalji kellhom jinghataw aktar il-quddiem, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li minhabba mpenji familjari li ma kellux kontroll fuqhom ma kellux cans jahdem jew jipprepara ghal din l-attivita'.

2.18. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2010 item 14.39 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba tas-sur James Bonnici

sabiex nhar is-Sibt 26 u l-Hadd 27 ta' Gunju jorganizzaw car show fl-Ex Parade Ground u dan fid-dawl li ghal din l-attivita' ser jippartecipaw numru ta' partecipanti Sqallin kif ukoll li aktar dettalji jinghataw aktar il-quddiem, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li din l-attivita' thassret.

2.19. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ser ikun hemm rapprezentant ta' l-STC biex jitkellem fuq il-progett tal-komunita' rigward korsijiet f'Jum Pembroke kif ukoll li ser ikun hemm ukoll kantanti ohra mill-lokal li ser jaghtu s-sehem taghhom b'xejn.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 49/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mar-residenti ta' Sit C u D **(Ara dokument A); Internal Memo 50/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mal-WSC **(Ara dokument B); Internal Memo 51/2010** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Ing. Ronald Pace tal-WSC **(Ara dokument C); Internal Memo 52/2010** b'rapport tal-laqgha mal-PPCD dwar il-Progett MED **(Ara dokument D); Internal Memo 53/2010** b'rapport tal-laqgha mal-PPCD dwar il-fondi FEZR **(Ara dokument E); Internal Memo 54/2010** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 13/K6/2010 u 14/K6/2010 **(Ara dokument F); Internal Memo 55/2010** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 13/K6/2010 u 14/K6/2010 **(Ara dokument G); Internal Memo 56/2010** b'rapport ta' l-intervisti u l-konkluzjonijiet tal-laqghat li saru mal-kuntratturi ta' l-iskart **(Ara dokument H); Internal Memo 57/2010** b'rapport tal-laqgha li saret mad-Direttur Generali s-sur Martin Bugelli **(Ara dokument I);** Kwotazzjoni 15/2010 – Servizz ta' Accountant **(Ara dokument J);** Skeda dwar rapport kwotazzjoni 12/2010 – Provvista ta' zebgha **(Ara dokument K);** Flyer dwar il-Merill Childcare Centre **(Ara dokument L);** Flyer dwar attivita' ghar-residenti **(Ara dokument M);** Flyer dwar il-ftuh tal-komputerizzazzjoni tal-librerija **(Ara dokument N);** Informazzjoni migbura mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg minn fuq l-internet dwar il-progett White Rocks Sports & Leisure Village **(Ara dokument O);** Dokumentazzjoni li ghandha tintuza biex jigi aggudikat l-offerta tal-Gbir ta' Skart **(Ara dokument P) u** Sample ta' letter head minghand il-kumpanija Inserv Limited **(Ara dokument Q)**.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'attenda ghall-Konferenza rigward programmi tal-gemellaggi li saret fil-lukanda Corinthia Attard fejn fil-Konferenza ghamel prezentazzjoni rigward l-attivitajiet li saru mill-Kunsill vis-a-vis il gemellaggi li ghandu l-Kunsill Lokali Pembroke. Il-kelliem qal li fil-konferenza saret insistenza fuq progetti li jinvolvu z-zghazagh rigward attivitajiet sportivi nkorporati ma' dawk kulturali u fil-fatt il-Kunsill ghandu jircievi komunikat minn Larnaca (Grecja) fejn dawn ser jibghatu grupp ta' 55 tfal inkluz 5 Kunsillieri f'Malta u dawn ser jigu f'Settembru u ser joqghodu Cavalieri Hotel fejn xtaqu jekk Pembroke ikunx irid jospita' lil dan il grupp ghall-kuncert fil-komunita'.

4.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsir komunikat ma' l-iskola Primarja Pembroke sabiex tintuza l-iskola kif ukoll li jekk jinsab sponsor l-attivita' issir mill-Kunsill u jekk le l-Kunsill jipprova li din issir flimkien mal-Kunsill Lokali San Giljan u Swieqi kif ukoll li tinkiteb ittra lill-MTA, lill-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Dolores Cristina sabiex jghinu halli jinghataw mawra kulturali l-Belt minghajr hlas.

4.04. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

4.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienu attendew ghall-open day li saret fl-STC.

4.07. Is-Sindku Joe Zammit qal li kellhom laqgha kordjali hafna mal-kuntratturi kollha li tefghu t-tender ghall-gbir ta' skart u li kien ipprezenta rapport ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

4.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat attendew ghall-istedina li saret minn San Miguel Special School.

4.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir laqgha mad-dirigenti ta' l-iskola Specjali San Miguel.

4.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

4.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-27 ta' Mejju u t-23 ta' Gunju 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3420/10/I** 26/05/2010 — Stima minghand J&K Contractors Ltd. ghal diversi xoghlijiet.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3420/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn il-kwotazzjonijiet ser jintbaghtu ghall-attenzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali b'riferenza ghat-talba tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jaghmel uzu mill-fondi 'ring-fenced' tat-toroq ghal xoghol iehor.

**46/3427/10/I** 26/05/2010 — E-mail minghand l-AKL fejn staqsew lis-Sindku jekk jistax jaghmel prezentazzjoni ta' tmien minuti dwar l-esperjenza tat-twinning programmes li ghandna bhala Kunsill ghall-konferenza li ser issir nhar il-Gimgha fit-18 ta' Gunju 2010.

**46/3598/10/I** 01/06/2010 — E-mail minghand l-AKL fejn baghtu l-programm u l-applikazzjoni ghall-konferenza li ser issir bejn is-17 u t-18 ta' Gunju 2010 rigward il-gemellaggi li ser issir fil-Corinthia Palace Hotel, Attard.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3427/10/I u 46/3598/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill l'aktar qabel kien ghamel riferenza ghal dan is-suggett.

**46/3442/10/I** 26/05/2010 — Envelopes issiggilati minghand l-kumpaniji Legnolack Ltd u Golden Gate ghall-Kwotazzjonijiet li hareg il-Kunsill.

6.04. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3442/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn il-kwotazzjonijiet ma kienux gew miftuha u lanqas ikkunsidrata.

**46/3525/10/I** 27/05/2010 — E-mail minghand il-WasteServ Ltd. fejn b'riferenza ghas-survey li sar mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fuq skart kummercjali

baghat kopja tar-rapport ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

6.05. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3525/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3529/10/I** 28/05/2010 Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn informaw lill-Kunsill li laqgha li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 2 ta' Awwissu 2010 fid-9.30am.

6.06. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3529/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3531/10/I** 28/05/2010 Invoice ta' €5,596.92 minghand l-Ell’s Urban Services Ltd. ghal xoghol ta' patching.

**46/3716/10/I** 08/06/2010 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat l-approvazzjoni tax-xoghol li sar mill-Kumpanija Ell’s Urban Services Ltd. b'riferenza ghall-invoice numru 338 ta' €5,596.92.

6.07. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3531/10/I u 46/3716/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol kien gie approvat mill-Perit u ghalhekk issa jista’ jithallas.

**46/3532/10/I** 28/05/2010 Invoice ta' €200 minghand Miller Distributors Ltd. ghal xiri ta' kotba.

6.08. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3532/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3537/10/I** 28/05/2010 E-mail minghand id-Direttorat Immanigjar ta’ Traffiku fejn b’riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward toroq biex jinghalqu ghal Jum Pembroke informaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni basta jingieb il-permess tal-pulizija u nkunu responsabbli ghad-devjazzjoni ta' traffiku.

6.09. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3537/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-servizz tal-Gwardjani Lokali ser ikun offrut mill-LES minghajr hlas.

**46/3570/10/I** 30/05/2010 E-mail minghand residenta Glorianne Borg Axisa fejn talbet sabiex isir xi haga dwar klieb fi propjeta' privata li jithallew fil-front garden minhabba li f'certu toroq ma jkunux jistghu jghaddu minn fuq il-bankina minhabba l-fatt li jahsduk.

6.10. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3570/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob il-parir tal-Pulizija dwar dan il-kaz kif ukoll titqassam leaflet fid-djar f’dan is-sens biex titqajjem kuxjenza.

6.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3573/10/I** 30/05/2010 E-mail mill-MEUSAC fejn baghtu kopja tad-dokumenti u l-applikazzjoni li gew sottomessi llum b'riferenza ghal Europe for Citizens Programme 2007-2013.

6.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3573/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3591/10/I** 01/06/2010 E-mail mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn staqsew jekk il-Kunsill ghandux bzonn jaghmel laqgha ma' l-Ispettur J. Cilia mid-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali ghax-xahar ta' Gunju 2010.

6.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3591/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/3596/10/I**<br>01/06/2010 | E-mail minghand il-GreenPak fejn informaw lill-Kunsill li l-ahjar data sabiex ivaraw il-progett ta' tqassim tal-boroz go djar hija nhar l-Erbgha 30 ta' Gunju 2010 u staqsew jekk hux tajjeb ghall-Kunsill kif ukoll baghtu reminder dwar il-fuljett li qed isir sabiex jitqassam fid-djar. |

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3596/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

6.16. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/3649/10/I**<br>02/06/2010<br>**46/3831/10/I**<br>11/06/2010 | Ittra minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni PA00840/10 ghall-bdil ta' fence bejn il-Kunsill u l-Verdala International School giet approvata u fil-jiem li gejjien ser nircievu l-permess formali. |

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3649/10/I u 46/3831/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-finanzjament ghal dan il-progett tqajjem fil-laqgha li saret mas-sur Bugelli u ghalhekk issa l-Kunsill ghandu jistenna twegiba u ppropona li jibghat kopja ta' l-istima li ghandu l-Kunsill lis-sur Bugelli.

6.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.21. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li safejn jaf huwa l-Kunsill m'għandux stima ta' dan ix-xogħol.

6.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill bilfors li għandu stima minħabba li dan ix-xogħol kien diġa ser isir fil-passat.

6.23. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk kemm il-darba ma hemmx stima huwa kien lest li jaghmel stima tax-xogol li hemm bzonn isir.

| | |
|---|---|
| **46/3651/10/I**<br>02/06/2010 | Ittra minghand it-Tribunal Lokali Lvant fejn b'riferenza ghall-kontravenzjoni 111-12207-3 qed jirrakomandaw lil-Kunsill jezamina s-sitwazzjoni jekk skip wahda hux bizejjed fi Triq il-Mediterran u talbu titwahhal tabella li tindika l-uzu ta' l-iskip, min jista' jaghmel uzu minnha u li ma jithallix skart barra fejn l-iskip jekk din tkun mimlija. |

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3651/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jattwa din l-informazzjoni kif mitluba mill-Kummissarju tal-Gustizzja.

6.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.27. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien kiteb lill-AO ta' l-LES fejn irrakkomanda li l-istickers li hemm bzonn isru jsiru mill-Kumitat Kongunt sabiex ikunu kollha l-istess u ma jkunx hemm interpretazzjonijiet differenti.

| | |
|---|---|
| **46/3652/10/I**<br>02/06/2010 | Kwotazzjoni minghand il-MED Developers ghall-provvista u twahhil ta' lampi godda fi Triq il-Kurunell Cocks ghall-prezz ta' €8,214.49. |

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3652/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintalab kwotazzjoni ghal dan id-dawl bil-pannelli solari halli meta jkun

hemm sejha ghall-fondi specjali l-Kunsill japplika, u jekk ikun hemm fondi bizzejjed il-quddiem isiru minnaha tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona ukoll li r-residenti ghandhom jinzammu nfurmata.

6.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li lura fi Frar il-Kunsill kien diga qabbad l-Inginier sabiex jaghmel stima tax-xoghol li hemm bzonn sabiex isiru bil-pannelli u l-ispiza kienet stmata madwar €11,250.00 (Korrispondenza 46/1483/10/O/94/100) kif ukoll li t-talba tal-Kunsill ghall-fondi specjali ma kienetx giet approvata.

6.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda li r-residenti jigu nfurmata.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3658/10/I** 02/06/2010 Kopja ta' l-email li Pembroke Athleta Sports Club baghtu lill-Korporazzjoni Enemalta dwar id-Distribution Centre gdida li qeghda fil-parking tal-Club ta' Triq Tunis u talbu sabiex issir laqgha.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3658/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jissaportja din l-ittra u jibghat huwa ukoll ittra simili b'appogg ghal din it-talba.

6.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3669/10/I** 02/06/2010 Kwotazzjoni minghand Office Group Limited sabiex issir manutenzjoni tal-Photocopier Konica Minolta Bizhub 250 ghall-prezz ta' € 370.66.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3669/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.36. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk ma ssirx din il-manutenzjoni l-photocopier ser tieqaf minn hin ghall-iehor.

6.37. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li din in-nefqa ssir.

6.38. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3671/10/I** 02/06/2010 Kwotazzjoni minghand Office Group Limited sabiex issir manutenzjoni tal-photocopier l-antika ghall-prezz ta' € 1,228.50.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3671/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.41. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li jekk ma ssirx din il-manutenzjoni l-photocopier ser tieqaf minn hin ghall-iehor. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li din hija ftit antika.

6.42. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ma ssirx it-tiswijja li hemm.

6.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3691/10/I** 03/06/2010 E-mail minghand il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn staqsew lill-Kunsill jekk jixtiequx li ssir laqgha mas-sezzjoni tad-drogi ghax-xahar ta' Gunju 2010.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3691/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3698/10/I** 04/06/2010 Ittra minghand Vjaggi Untours fejn informaw lill-Kunsill bis-servizzi li joffru fuq vjaggar.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3698/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3705/10/I** 04/06/2010 E-mail rigward il-MED Programmes fejn informaw il-Kunsill li l-progett tal-MedStrategy se jibda jigi mplimentat ufficjalment fl-1 ta' Gunju 2010 u baghtu ukoll id-dati tal-kick off meeting.

6.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3705/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3712/10/I** 08/06/2010 Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-memo 27/2010 – Skema ta' finanzjament ta' progett specjali f'lokalitajiet zghar informa l-Kunsill li l-applikazzjoni dwar 'Dawl li jahdem bis-sistema ta' Photovoltaic' ma gietx maghzula.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3712/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3713/10/I** 08/06/2010 Ittra minghand il-Familja Spiteri u l-Familja Davison fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna dwar il-bankina skuzaw ruhhom li qabdu u rrangaw il-bankina minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill u talbu direzzjoni ta' kif l-ahjar li jsir sabiex ma tkunx ta' ostaklu u ta' periklu lir-residenti li jimxu fuq il-bankini.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3713/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn ghandhom jigu nfurmata li l-bankina ghandhom jaghmluha fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill bhal ma saru bankini ohra.

6.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.52. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill iqabbad lill-Perit sabiex ihejji disinn sabiex iservi ta' mudell ghal meta jkun hemm problemi simili u ma jkunx hemm lok ta' interpretazzjoni.

6.53. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien ser jiehu ritratt ta' bankina partikulari u ghandu jintuza bhala mudell u m'hemmx bzonn pariri tal-Perit tal-Kunsill.

**46/3717/10/I** 08/06/2010 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat twegiba b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar diversi xoghol pendenti.

6.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3717/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghaddej ix-xoghol fuq dawn it-talbiet.

**46/3719/10/I** 08/06/2010 E-mail minghand Econing fejn informa lill-Kunsill li r-rapport ta' SEAP gie uploaded fuq il-website tal-Covenant of Mayors u talab biex indahhlu d-data ta' l-approvazzjoni formali u nkunu nistghu nissottomettuh lis-SEAP.

**46/3720/10/O** 08/06/2010 Il-Kunsill baghat r-rapport ta' SEAP fuq il-lokal ta' Pembroke.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3719/10/I u 46/3720/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3732/10/I** 08/06/2010 E-mail rigward il-MED Programmes fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill informa lill-Kunsill li l-flights u l-akkomodazzjoni ser jithallsu mill-programm MED u rigward il-Budget talab sabiex naraw mill-applikazzjoni taht sezzjoni V Financial Section.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3732/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3740/10/O** 08/06/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat b'riferenza ghall-email li baghtet lill-Kunsill dwar il-qlugh tal-palm.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3740/10/O** is-Sindku Joe Zammit qal li f'dan il-kuntest u wara l-laqgha li saret mad-Direttur Generali ppropona li jingabru kwotazzjonijiet minghand il-kuntrattur Shawn Farrugia sabiex jitnehhew dawn il-palm halli tintbaghat ukoll lis-sur Bugelli.

6.58. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3741/10/I** 08/06/2010 Memo 77/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Procedura dwar Mistoqsijiet Parlamentari.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3741/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera specjalment tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/3742/10/I** 08/06/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu kopja tac-cirkulari mahruga mid-Dipartiment tal-kuntratti sabiex ma tinxtarax zebgha minghand S&R Handaq Ltd. sakemm jinhareg avviz iehor.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3742/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera specjalment tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.62. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fl-ahhar laqgha l-Kunsill kien approva li jixtri zebgha minghand din il-kumpanija u ghalhekk talab lill-Kunsill sabiex jaderixxi ma' din id-direttiva.

6.63. Is-Sindku Joe Zammit fid-dawl ta' din id-direttiva u fid-dawl tad-decizjoni mehuda fil-laqgha precedenti dwar Kwotazzjoni riferenza 12/2010 ippropona li zebgha tar-ramel (light colour) tinxtara minghand Mac Med Ltd kif ukoll li l-istess kumpanija tintalab tikkunsidra li trahhas il-prezz taz-zebgha tar-ramel (dark colours) sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu supplier ghaz-zebgha kwazi kollha li jixtri.

6.64. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3743/10/I** 08/06/2010 E-mail minghand PPS Malta fejn informaw lill-Kunsill bil-kumpanija taghhom u s-servizzi li joffru fuq dawl.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3743/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3757/10/I** E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab isir komunikat mal-

09/06/2010 Kunsilliera sabiex issir laqgha nhar it-Tnejn 14 ta' Gunju mis-2.00pm 'il quddiem mal-kuntratturi li tefghu t-tender tal-gbir ta' skart.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3757/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3763/10/I** 09/06/2010 E-mail minghand is-sur Clint Tanti mill-PPCD fejn baghat stedina lill-Kunsill ghall-laqgha ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju fis-2.00pm gewwa l-ufficcju taghhom il-Belt dwar il-progett OSDDT.

**46/3765/10/I** 09/06/2010 E-mail minghand is-sur Clint Tanti mill-PPCD fejn informa lill-Kunsill li anke il-progett tal-MedStrategy gie maghzul u se jigi diskuss waqt il-laqgha li ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju 2010 fis-2.00pm.

6.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3763/10/I u 46/3765/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li ghal din il-laqgha kien attenda s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/3764/10/I** 09/06/2010 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'riferenza ghat-tender 07/2009 informa lill-Kunsill li l-inginier irriveda l-proposta u hija sodisfacenti u talab lill-Kunsill sabiex ninfurmawh jekk il-Kunsill jixtieqx li ssir laqgha fuq il-post.

**46/3767/10/O** 09/06/2010 Ittra li l-Kunsill baghat lill-Alternative Technologies fejn il-Kunsill infurmah l'accetta t-tender tieghu u li jista' jibda x-xoghol mill-Hamis 10 ta' Gunju 2010.

**46/3773/10/O** 09/06/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Alternative Technologies fejn b'riferenza ghal Tender 07/2009 il-Kunsill infurmah li jista' jibda x-xoghol skond l-ahhar proposta tieghu u l-Kunsill talbu jaghmel komunikat mas-Segretarju tal-Kunsill u mal-Perit tal-Kunsill meta jkun se jibda x-xoghol.

6.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3764/10/I, 46/3767/10/O u 46/3773/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol ta' installazzjoni fuq il-bejt kien tlesta u s-sistema tinsab 'on test' taghti dawl alternattiv.

**46/3769/10/I** 09/06/2010 E-mail mis-Segretarjat ta' Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar l-allowance tal-Kunsilliera nforma l-Kunsill li ghalissa ma jinghatax l-allowance lill-Kunsilliera nkwistjoni.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3769/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.71. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob il-parir legali dwar it-taxxa fuq l-allowance tal-Kunsilliera u dan minhabba l-fatt li skond parir li kellu huwa minghand l-Avukat jirrizulta li l-Kunsill ma jistax jaqtalu taxxa u sta ghalih jekk jiddikjarx id-dhul bhala taxxabbli jew le.

6.72. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3771/10/O** 09/06/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-Avukat Luciano Busuttil fejn infurmah li l-laqgha mal-kuntratturi tal-gbir ta' skart ser issir nhar it-Tnejn 14 ta Gunju 2010 mis-2.00pm il-quddiem.

**46/3774/10/I** **09/06/2010** E-mail minghand l-Avukat tal-Kunsill Luciano Busuttil fejn ikkonferma l-prezenza tieghu ghall-laqgha li ser issir nhar it-Tnejn 14 ta' Gunju 2010

fis-2.00pm gewwa l-Kunsill.

6.74. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3771/10/O u 46/3774/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li b’dispjacir kien gie nfurmat li l-Avukat ma setax jattendi minhabba problema familjari fl-ahhar hin.

**46/3778/10/I** 09/06/2010 Memo 78/2010 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – Sejha ghall-proposti ta’ progetti taht il-fond Ewropew ghall-Izvilupp Regjonali (FEZR) 2007-2013 immirata ghall-Kunsilli Lokali.

6.75. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3778/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3785/10/I** 09/06/2010 E-mail minghand il-MIEMA fejn baghtu deskrizzjoni u nformazzjoni fuq il-progett bl-isem ta' Walkabit.

6.76. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3785/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3791/10/I** 09/06/2010 E-mail minghand l-Inginier Ronald Pace mill-WSC fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret mieghu nforma lill-Kunsill li fil-laqgha gie maqbul li reinstatement ta' Triq Pietru D'Armenia isir mill-kuntrattur tal-Kunsill bir-rati tal-Kunsill u talab nibghatu stima sabiex japprovaw ix-xoghol.

6.77. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3791/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3818/10/I** 10/06/2010 E-mail minghand is-Segretarjat ta’ Dr. Chris Said fejn b'riferenza ghal memo 12/2010 dwar ghajnuna ghat-thawwil ta' sigar informaw lill-Kunsill li l-iskema qeda on-hold halli jaraw kif l-iskema tkun ta' beneficcju ghall-Kunsilli Lokali.

6.78. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3818/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3825/10/O** 10/06/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali b’kopja tal-kuntratt ta' l-iskips, tal-gbir ta' skart riciklat u rapport dwar l-allokazzjoni ta' l-iskart.

6.79. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3825/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3826/10/I** 10/06/2010 Stampi u ritratti tal-progett tal-White Rocks.

6.80. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3826/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3832/10/I** 11/06/2010 Ittra minghand l-MTA fejn baghtu kopja ta' 'Tourism Compliance Certificate' b'riferenza ghall-Bocci Pitch Club Snack Bar u talbu sabiex isir komunikat ma' Licensing Unit sabiex nissottomettu kopja tad-dokumenti li ghandhom bzonn.

6.81. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3832/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.82. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir laqgha mal-persuni li kienu urew ix-xewqa li jkunu membri fil-kumitat tal-bocci.

6.83. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3854/10/I** 14/06/2010 E-mail mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-memo 52/2010 dwar skema ta' ghajnuna finanzjarja ghall-korsijiet lifelong learning talbu biex sa nhar l-Erbgha 30 ta' Gunju 2010 nibghatu l-isem tal-persuna mill-Kunsill li ser tkun qed tiehu hsieb li tigbor l-interess tar-residenti.

6.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3854/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jkun huwa u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat responsabbli minn din l-inizjattiva.

6.86. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3856/10/I** 14/06/2010 E-mail minghand is-sur Johann Camilleri, l-istudent li ser jaghmel work phase mal-Kunsill fejn informa lill-Kunsill li jixtieq jibda x-xoghol volontarju mal-Kunsill mit-8 ta' Lulju sat-8 ta' Awwissu darbtejn fil-gimgha bi tlett sieghat kull darba.

6.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3856/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan l-istudent jigi l-Kunsill nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha filghodu.

6.89. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3860/10/I** 14/06/2010 E-mail minghand is-sur Dino Mangion fejn informa lill-Kunsill bin-nuqqas ta' skips li hemm madwar il-flattijiet tal-gvern lejn in-naha ta' San Gorg u talab sabiex jitnaddfu t-toroq, ir-roundabouts u l-fethiet bil-hamrija li hemm fl-area minn plastik, bottijiet, kaxex tal-pizez ecc.

6.91. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3860/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3877/10/I** 15/06/2010 Ittra mill-WSC fejn talbu lill-Kunsill sabiex jikkonferma l-lista tax-xoghol li sar mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fis-sena 2009 gewwa l-lokal.

6.92. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3877/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-hlas ghandu jsir fuq it-talbiet ghall-permess li ghamlet l-istess Korporazzjoni.

6.93. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.94. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3878/10/I** 15/06/2010 Ittra minghand is-Sinjura Audrey Gatt fejn baghtet questionnaire sabiex jimtela minn Kunsilliera nisa rigward in-nisa fil-politika.

6.95. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3878/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3879/10/O** 15/06/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lis-Sindku Joe Zammit rigward diversi problemi teknici li ghandu l-Kunsill fosthom il-bieb li mir-reception jaghti ghall-kuritur, update tan-numri tat-telefon fuq l-alarm u l-fax machine.

6.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3879/10/O** is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

6.97. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li ma kellux kummenti x'izid ma dak imnizzel fl-email lis-Sindku, liema kummenti s-Sindku Joe Zammit ilu konxju taghhom.

6.98. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg works order lis-sur Liam Ferrigi sabiex jaghmel ix-xoghol li hemm bzonn.

6.99. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3885/10/I** 15/06/2010 E-mail minghand l-FTZ fejn baghtu summary fuq il-progetti tal-MED - MED Strategy u OSDDT-MED.

6.101. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3885/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3892/10/I** 16/06/2010 Ittra mibghuta mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn b'riferenza ghall-email li diga baghtu lill-Kunsill sabiex issir bankina fi Triq Giorgio Mitrovich baghtu rapport maghmul mill-Maggur J. Delia u talbu biex isir dak possibbli.

6.102. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3892/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ser ikun qed izur is-sit mal-Perit ghall-parir tekniku tieghu. Il-kelliem talab li l-Perit jigi nfurmat.

6.103. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Perit diga kien gie nfurmat u kien intalab jaghti l-parir tekniku tieghu.

6.104. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jitlob rendikont lid-Dipartiment tax-Xoghlijiet vis-a-vis l-ispezzjoni li kienu ghamlu xhur ilu dwar ix-xoghol li hemm bzonn fi Triq ANZAC faccata ta' Granny Bazaar.

6.105. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ghall-komunikat li kellu mas-sur Charles Cesare mis-Segretarjat ta' l-Onor. G. Pullicino fejn qal li huwa kien gie nfurmat li jekk il-Kunsill jaghmel il-kurduna, il-Ministeru ser jipprovdu l-hamrija sabiex ikunu jistghu jithawwlu s-sigar.

6.106. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel riferenza ukoll ghall-laqgha li saret mal-persuni li urew ix-xewqa li jkunu parti mis-Sotto Kumitat ta' l-Ambjent fejn fin-nuqqas tal-Kunsillier Joe Brincat ippropona li ghall-laqgha li jmiss ghandhom jigu mistiedna dawn il-persuni sabiex jaghmlu konoxxenza mal-Kunsill.

6.107. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.108. Il-Kunsill qabel unanimamet.

**46/3893/10/I** 16/06/2010 E-mail minghand l-AKL fejn baghtu kopja ta' e-mail li rcievew minghand Caritas Malta fejn qed jitolbu lill-Kunsilli Lokali sabiex fl-attivitajiet li jkollhom jistiednu lil Caritas sabiex ikabbru l-kampanja taghhom.

6.109. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3893/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3894/10/I** 16/06/2010 Rigward il-MED Programmes baghtu l-invit u l-agenda ufficjali ghall-ewwel Project meeting li ser issir fil-5 u s-6 ta' Lulju gewwa Patti.

6.110. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3894/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.111. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghal din il-laqgha l-Kunsill ghandu jkun rapprezentat miIl-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u mis-sur Lawrence Attard f'isem FTZ.

6.112. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.114. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn jippartecipa huwa ntitolat ghall-allokazzjoni finanzjarja ta' € 230 kull lejl liema allokazzjoni tinkludi ukoll l-akkomodazzjoni. F'kaz li l-akkomodazzjoni tithallas mill-Kunsill dawn jinghataw nofs l-allokazzjoni. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-lukanda ser tiswa € 50.00 kull lejl.

6.115. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-partecipanti ghandhom jinghataw l-ammont ta' € 230 ghal kull lejl u jahsbu huma ghall-ispejjez.

**46/3898/10/I** 16/06/2010 Ittra mill-MEPA fejn b'riferenza ghall-applikazzjoni PC00030/10 ta' St. Michael's School infurmaw lill-Kunsill illi hemm proposta li s-sit immarkat fis-site plan jinbidel minn parking u gnien ghal extension ta' l-iskola.

6.116. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3898/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-proposta ta' St. Michael's kienet giet approvata fil-Minuti 20/K6/2009 item 6.90 li saret fis-16 ta' Dicembru 2009. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jigi emendat in-North Harbour Local Plan.

6.117. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

6.118. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

6.119. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/3902/10/O** 16/06/2010 E-mail li l-Kunsill baghat lill-membri tal-Kunsill fejn b'riferenza ghall-kuntratt ta' l-iskart infurmajnihom illi l-kuntratt tal-Euro Clean jaghlaq nhar il-Hadd 20 ta' Gunju u tlabna gwida jekk hux ser jigi estiz jew le.

6.120. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3902/10/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jestendi s-servizz t'emergenza ghall-kuntratt tal-gbir ta' skart lill-kumpanija Euro Clean sa l-20 ta' Lulju 2010.

6.121. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.122. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3916/10/I** 17/06/2010 E-mail minghand il-kumpanija Parkwell Ltd. fejn talbu sabiex issir laqgha mal-Kunsill.

6.123. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3916/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir din il-laqgha.

6.124. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.125. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3927/10/I** 17/06/2010 E-mail mis-Sindku Joe Zammit fejn talab sabiex il-Kunsill jiltaqa' ma' l-Econing rigward il-progetti li se jilloncjaw il-PPCD.

6.126. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3927/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir laqgha ma' Econing dwar fondi ta' l-EU.

6.127. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.128. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.129. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li mill-laqgha li kien attenda huwa mal-PPCD, fl-istess laqgha hareg li street lighting mhux kopert u lanqas pannelli fotovoltajici li ma jkunux fuq bini propjeta' tal-Kunsill.

**46/3929/10/O** 18/06/2010 Ittra ta' riferenza li l-Kunsill ghamel ghall-kuntrattur Ell's Urban Service.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3929/10/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3938/10/I** 18/06/2010 Kwotazzjoni li l-Kunsill ircieva minghand Ell's Urban Services ghal xoghol ta' road patching bil-hot tarmak fi Triq Pietru D'Armenia, xoghol li ser jithallas mill-WSC – Sezzjoni Dranagg.

6.131. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3938/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jibghat kopja ta' din l-istima lill-Ing. Pace halli tkun approvata u jkun jista' jsir ix-xoghol.

6.132. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.133. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.134. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li jekk il-hlas ser isir mill-Korporazzjoni direttament lill-kuntrattur m'hemm ebda problema izda jekk il-hlas ser isir lill-Kunsill hemm problema minhabba li r-rati mitluba mill-kuntrattur huma differenti minn dawk fil-kuntratt li ghandu mal-Kunsill. Il-kelliem fakkar li fl-email ta' l-Inginier kien hemm stipulat li x-xoghol ghandu jsir bir-rati tal-Kunsill – rif. **46/3791/10/I.**

6.135. Is-Sindku Joe Zammit qal li f'komunikat li kellu permezz tat-telefon ma' l-Ing. Pace irrizulta li l-pagament ser isir direttament lill-kuntrattur mill-WSC u mhux tramiti l-Kunsill.

**46/3944/10/I** 18/06/2010 E-mail minghand l-Ghassa ta' San Giljan fejn b'riferenza ghall-ilmenti tal-Kunsill rigward hawkers infurmaw lill-Kunsill li qeghdin isiru xi spezzjonijet fit-toroq imsemmija.

6.136. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3944/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jinsisti mal-Pulizija dwar il-vannijiet tal-haxix li jkun hemm fi Triq Patri Indri Vella quddiem il-Pembroke Self Service u l-PHS kif ukoll tal-haxix li jkun hemm fi Triq Burma quddiem il-Madonna. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija jipprovdu kopja tar-regolamenti relatata.

6.137. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.138. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3945/10/I** 18/06/2010 E-mail minghand l-Ing. Stefan De Marco mill-MIEMA fejn baghat diversi CV's ta' nies li applikaw sabiex ikunu l-Project Manager ghall-Progetti tal-MED.

6.139. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3945/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din l-informazzjoni qed tasal ghand il-Kunsill peress li Pembroke huwa membru ta' dan il-bord.

**46/3948/10/I** 18/06/2010 E-mail minghand l-Alternative Technologies fejn informa lill-Kunsill li s-

sistema tal-pannelli giet installata fuq il-bejt tal-Kunsill u li l-gimgha d-diehla ser jaghmlu xi testijiet sabiex jaraw li kollox miexi kif suppost u li issa l-Kunsill irid japplika ma' l-MRA u ma' l-Enemalta.

6.140. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3948/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif indikat mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, fit-tender document hemm imnizzel li t-tenderer irid jipprovdi huwa dan is-servizz. Ghaldaqstant il-kelliem ippropona li Alternative Technologies ghandhom jigu nfurmata sabiex jaghmlu dan skond it-termini tal-Kuntratt u kopja tintbaghat lill-Perit.

6.141. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din l-ittra diga ntbaghtet.

**46/4019/10/I** 23/06/2010 E-mail minghand l-AKL jistaqsu lill-Kunsill jekk hux ser tiggedded l-iskema ta' Sahha ta' l-impjegati u l-Kunsilliera.

6.142. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4019/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma lill-AKL li mhux sewwa li talba simili ssir mill-lum ghal ghada kif ukoll li l-Kunsill ser igedded din il-polza taht protesta minhabba li meta membri tal-Kunsill gew bzonn is-servizz, is-servizz moghti ma kienx sodisfacenti.

6.143. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.144. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet saret laqgha ohra ta' rutina tal-LES il-gimgha li ghaddiet.

## 8. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill il-programm finali ta' Jum Pembroke 2010. **(Ara dokument R)**

8.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li l-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet ghal Jum Pembroke mixjien tajjeb.

## 9. Tender 02/2010 – Collection of Mixed Household Waste.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill id-dokumentazzjoni tal-MEAT, ir-rapport li sar mis-Sindku vis-a-vis l-intervisti li saru mal-kuntratturi kif ukoll skeda ta' l-offerti. **(Ara dokument H, P u S)** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill għall-Internal Memo 41/2010 b'rapport tal-Ftuh tat-Tender 02/2010 – Collection of Mixed Household Waste fejn fakkar lill-Kunsill li dan it-tender ghandu jigi evalwat abbazi tas-sistema MEAT - Most Economical Advantageous Tender, kif indikat f'Artiklu 2 ta' l-istess tender kif ukoll li huwa mportanti li d-decizjoni li ser ikunu qed jiehdu tkun fl-ambitu tal-finanzi tal-Kunsill.

9.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa ma kienx prezenti ghall-intervisti minhabba li kemm is-Sindku Joe Zammit kif ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qalulu li ma kellux ghalfejn ikun prezenti.

9.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi sospiza l-laqgha sabiex jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla sabiex jiddiskuti l-konkluzjonijiet wara l-intervisti li saru mal-kuntratturi kollha.

9.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.06. Il-laqgha giet sospiza fit-8.09 pm.***

***9.07. Il-laqgha tkompliet fit-8.18 pm.***

9.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 02/2010 – Collection of Mixed Household Waste** tinghata lis-sur **Philip Seguna** abbazi li l-offerta tiegħu hija l-aktar wahda vantagguza fuq il-prezz fuq it-tul tal-kuntratt. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni kif ukoll li s-servizz tieghu ikun ta' 5 t'ijiem ghal 4 snin u 20 skip li skond il-laqgha li saret mieghu huma nkluza fil-prezz ta' € 121.00 kulljum inkluz il-CM Fee u l-VAT.

9.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Bye Law dwar il-bejgh ta' kotba u suvenir tal-Kunsill.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li wara ghadda z-zmien rikjest bil-ligi kif ukoll fid-dawl li ma kien hemm ebda kummenti ghall-Bye Law proposta, il-Kunsill ghandu japprova l-Bye Law kif proposta u tintalab l-approvazzjoni tal-Ministru ghall-pubblikazzjoni taghha fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex tibda tigi attwata.

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Kwotazzjonijiet 10 u 11/2010.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Internal Memo riferenza 45/2010. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kif kien gie deciz fl-ahhar laqgha l-kumpanija Inserv Ltd. u Sky Press kienu mitluba jissottomettu sample tax-xoghol mitlub mill-Kunsill. Il-kelliem qal li filwaqt li Inserv provdew sample, Sky Press qalu li teknikament dan ma kienx possibbli. Fir-rigward ta' Inserv Ltd. dan ipprovda sample tal-karta riciklata ukoll kif kien mitlub.

11.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 10/2010 – Printing ta' Letter Heads** tinghata lill-kumpanija **Inserv Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

11.03. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 11/2010 – Provvista ta' karta** tinghata lill-kumpanija **Inserv Ltd.** Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

11.06. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

11.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument S u T)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet infurmatu li hemm palma mejta fi Triq il-Mediterran.

13.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-kuntrattur Shawn Farrugia ghandu jigi mitlub li jnehhi din il-palma zghira max-xoghol li jkun qed jaghmel.

13.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet talbet sabiex il-hinijiet tad-dawl tal-gonna pubblici ghandhom jitwalu.

13.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-hinijiet ta' Gnien 4 ta'Lulju ghandhom jintfew fis-2.00 am.

13.05. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

13.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li fi Triq Salvatore Castaldi ssir Slow biz-zebgha ma' l-art fid-direzzjoni ta' Triq Burma u Stop kantuniera ma' Triq Burma inkluz tabella, 2 tabelli biex jindikaw li parking bis-silencer il-barra u tabella One way fid-dahla tal-garaxxijiet ta' vicin Triq San Gorg Preca.

13.08. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

13.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigu l-Awtorita' tad-Djar tiġi mitluba sabiex jiġu rrangati l-kaptelli tal-konkos fi Triq San Gorg Preca u jinzammu responsabbli flimkien ma' l-entitajiet tal-Melita plc, Go plc u WSC minħabba periklu li hemm.

13.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jizdied parkegg permezz ta' road markings fi Triq G Henin kantuniera ma' Triq il-Kurunell L. Manche' minhabba li hemm spazju mohli.

13.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jsir dawl gdid fil-passagg tal-konkos fejn isiru l-kampijiet minhabba fastidju ma' l-arbli ezistenti.

13.17. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

13.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jinzebghu z-zebra crossing li hemm fil-by-pass kif induru ghal Triq Medjez u quddiem l-ITS.

13.20. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

13.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex tabella ta' direzzjoni li hemm fi Triq Gioacchino Le Brun tinqala u tehel mal-hajt.

13.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.25. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet staqsiet meta ser jitnehhew l-out crops fi Triq Dun Amabile Sisner kantuniera ma' Triq Camillo Sciberras inkluz dawk ta' toroq ohra, liema out crops ghandhom jitnehhew kemm jista' jkun malajr.

13.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob stima lill-J&K Contractors ghax-xoghol li hemm bzonn.

13.27. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

13.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.29. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir xoghol ta' patching fi Triq Tobruk, Triq G. Henin, Triq Jum Pembroke u Triq Patri Indri Vella fejn diga ghamel spezzjoni mal-kuntrattur.

13.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lis-Sindku li works order ghandha tinhareg wara li tingieb stima tax-xoghol li ser isir.

13.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha mad-Dipartiment tal-Kultura sabiex jingieb il-karnival show gewwa Pembroke bhal ma jsir f'lokalitajiet ohra.

13.34. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.36. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbaghat reminder lill-Enemalta biex tinxtghel Triq San Gorg Preca kif ukoll kopja lir-residenti kif ukoll lill-MPs tad-distrett minhabba dan id-dewmien.

13.37. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.39. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li titwahhal tabella ohra fi Triq Sir Luigi Preziosi ta' residential parking scheme.

13.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.42. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara li l-Kunsill rcieva invit mill-Kunsill ta' Bergen rigward gimgha ta' attivitajiet li ser jaghmlu kif ukoll wara kommunikat li ghamel maghhom gie offrut lodging b'xejn, il-kelliem nforma lill-Kunsill li kien ser jattendi ghal dawn l-attivitajiet biex jirraprezenta lill-Kunsill fejn zied jghid li l-biljett ta' l-ajru ser ihallsu huwa personalment.

13.43. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-iskrivana Alison Micallef talbet sabiex parti mill-vacation leave ta' din is-sena jiggedded ghas-sena li gejja

minhabba li ser tizzewweg u talbet li tkun bil-leave bejn l-20 ta' Gunju u l-24 ta' Lulju 2011.

13.44. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

13.45. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

13.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.47. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-hinijiet tax-xoghol ta' l-impjegati tul ix-xhur tas-Sajf fejn ghamel riferenza ghall-kummenti tad-Direttur Generali Martin Bugelli u qal li s'issa l-Kunsill ghad ma ghandu xejn bil-mkitub u allura sta ghall-Kunsill x'jiddeciedi.

13.48. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-iskrivani qatt ma tqabbdu jahdmu sieghat zejda ghax-xhur tas-Sajf. Il-kelliem qal ukoll li mhux minnu li dawn hadmu dawn is-sieghat kif ukoll li huwa ma kienx jaf li qed jahdmu dawn is-sieghat zejda u fil-fatt talab kjarifika ta' x'gara rigward din il-materja

13.49. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li lura f'Dicembru 2009, kif kien gie deciz diġa mill-Kunsill huwa kien ressaq ghall-attenzjoni tas-Sindku li kien hemm bzonn decizjoni mill-Kunsill dwar il-hinijiet tax-xoghol ghas-sena 2010 fejn fil-fatt il-proposta sahansitra kienet tnizlet fic-cirkulari li s-Sindku jibghat lill-membri tal-Kunsill qabel il-laqgha, fejn kien informa lill-Kunsilliera li fil-laqgħa riferenza 20/K6/2009 tas-16 ta' Dicembru 2009 kien ser jipproponi li l-hinijiet tax-xoghol tal-haddiema ta' l-ufficcju bejn l-1 ta' Lulju u l-ahhar ta' Settembru ghandhom ikunu bejn it-8.00am u s-2.00pm. Il-kelliem qal li fl-istess laqgha kienet giet ipprezentata skeda bil-hinijiet tas-sena kollha fejn ghalkemm ma kienx hemm qbil formali permezz ta' mozzjoni dwar li l-haddiema jahdmu l-hinijiet tas-Sajf, waqt id-diskussjoni fl-istess hin kien hemm qbil informali li l-impjegati jahdmu s-sieghat zejda ghall-perjodu Jannar – Marzu sakemm jirritorna l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li kien barra minn Malta fuq zjara privata fejn wara kellha tittiehed decizjoni jekk ikomplux bil-hinijiet kif diskussa jew jaqilbu b'hinijiet ohra jekk kemm il-darba l-hinijiet tas-Sajf ma jigux approvata, u ghalhekk l-impjegati jigu kkumpensati ghall-hin zejjed li jkunu hadmu. Il-kelliem fakkar lis-Sindku li kien qam battibekk fl-istess laqgha bejnu (Is-Sindku) u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat dwar il-possibilita' li l-mozzjoni tghaddi permezz tal-Casting Vote. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li fil-fatt b'effett mill-1 ta' Jannar l-impjegati kollha bdew jahdmu bil-hinijiet skond l-iskeda li kienet giet iccirkolata lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rritorna lura Malta fl-ahhar ta' Frar u fil-laqgha li kien imiss riferenza 06/K6/2010 li saret nhar id-9 ta' Marzu 2010, is-Sindku Joe Zammit rega' ressaq il-proposta originali mresqa f'Dicembru sabiex l-impjegati fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju u l-ahhar ta' Settembru jahdmu bejn it-8.00am u s-2.00pm, liema mozzjoni giet issekondata mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u approvata mill-Kunsill. Sussegwentament fit-18 ta' Marzu l-Kunsill ordna tabella sabiex tehel barra l-Kunsill biex juri l-hinijiet tas-Sajf fuqhom. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fit-23 ta' Marzu 2010 fuq talba tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat inkitbet ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jara jekk kienetx qed tinkiser il-Ligi li l-Kunsill ikun maghluq wara s-2.00pm fix-xhur tas-Sajf ghall-liema ittra fis-6 ta' April 2010 id-DLG baghat estratt tal-Human Resources Regulations. Il-kelliem informa lill-Kunsill li nhar it-8 ta' April 2010, l-Union li tirrapprezenta l-iskrivani kitbet ilment ufficjali lis-sur Natalino Attard – Direttur DLG u fil-laqgha tal-Kunsill riferenza 11/K6/2010 li saret nhar it-28 ta' April 2010 is-Sindku Joe Zammit irrifera ghall-ittra tad-DLG fejn qal li fid-dawl tat-twegiba li l-Kunsill ghandu, il-Kunsill

ghandu jobdi d-direttiva tad-Dipartiment u mmedjatament ghandhom jigu rtirata l-hinijiet kif approvati. Il-kelliem qal li fil-fatt b'effett mill-1 ta' Mejju 2010 il-hinijiet gew sospiza ghalkemm ma' kien hemm ebda mozzjoni formali biex tirtira d-decizjoni li ttiehdet fid-9 ta' Marzu u li għalhekk din ghadha in vigore. Finalment il-kelliem irrefera ghall-laqgha li saret mas-sur Bugelli fejn rega' qam l-argument tal-hinijiet fejn id-Direttur Gerenali nforma lill-Kunsill li l-ittra tad-Dipartiment ma' kienet qed tghid xejn kif fehem jew interpreta l-Kunsill anzi li l-Kunsill jista' jaghmel dak li ghamel sakemm izomm mal-paramentri tal-hinijiet u ghalhekk ifisser li l-ittra tad-DLG giet interpretata hazin.

13.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli baqa' jinsisti li huwa ma kienx jaf bl-arrangamenti li saru u li ma hemm xejn iffirmat f'Dicembru u ma kien hemm ebda dritt li jinhadmu sieghat zejda.

13.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa u l-impjegati hadmu fuq struzzjonijiet maqbula verbalment bejn il-maggoranza tal-Kunsilliera eletta, fejn rega' tenna liema qbil verbali gie approvat ufficjalment f'Marzu fejn fil-fatt anke saret tabella bil-hinijiet il-godda.

13.52. Hawn kemm is-Sindku Joe Zammit kif ukoll il-Kunsillier Lauro Fava kkonfermaw li huma kienu qablu li l-impjegati jahdmu sieghat zejda ghall-perjodu Jannar – Marzu sakemm diga tittiehed decizjoni finali ghalkemm jista' jkun li bi zvista ma hemmx imnizzel fil-Minuti kelma kelma ta' dak li kien intqal.

13.53. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg esebixxa skeda tal-hinijiet li kienu qed jinhadmu. **(Ara dokument U)**

13.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli baqa' jinsisti li mhux minnu li l-impjegati kienu qed jahdmu ¾ ta' siegha aktar kulljum bejn in-12.00pm u s-1.00pm minhabba li l-bieb tal-Kunsill ikun maghluq u peress li huwa ma kienx infurmat b'dan l-arrangament li qed jintqal, tant li qal li lill-iskrivani kien jikkummenta maghhom biex jieqfu u jiehdu il-break

13.55. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li din kienet allegazzjoni serja minhabba li dak li qed jallega l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jista' jigi nterpretat bhala serq ta' hin. Il-kelliem talab lis-Sindku Joe Zammit sabiex jintervjeni minhabba li huwa ukoll kien konxju tal-hinijiet li kienu qed jinhadmu minhabba li ma kienx l-ewwel darba li fil-hinijiet indikata jkun il-Kunsill jew jikkomunika mal-Kunsill permezz tat-telefon.

13.56. Is-Sindku Joe Zammit rega' kkonferma li huwa kien konxju mill-qbil dwar il-hinijiet tax-xoghol li kienu qed jinhadmu izda fl-istess hin qal li huwa ma jkunx kulljum il-Kunsill u ghalhekk ma jistax jikkonferma li l-hinijiet kienu qed jinhadmu kif maqbul u approvat mill-Kunsill ghalkemm konvint mill-integrita tas-Segretarju Ezekuttiv u ta' l--iskrivani.

13.57. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tas-Sindku Joe Zammit li dak li ghadu kif intqal jista' ukoll jigi nterpretat bhala insinwazzjoni fil-konfront tieghu u ta' l-iskrivani u talab li dawn l-insinwazzjonijiet inkluz tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jigu rtirata.

13.58. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li l-Kunsill kien konxju tal-hinijiet maqbula u bejn Jannar u Gunju hadd qatt ma lmenta. Il-kelliem qal li ma jistax jifhem kif qed jilmenta issa l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

13.59. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli hawn akkuza lill-Kunsillier Lauro Fava bhala korrott minhabba li kien qed jappoggja t-talba ta' l-impjegati.

13.60. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li kien huwa stess li kien issekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit sabiex ikun hemm il-hinijiet tas-Sajf.

13.61. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa ghandu dritt l'illum jista' ma jaqbilx ma dik id-decizjoni.

13.62. Is-Sindku Joe Zammit ta' ruling fejn talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jigbor l-informazzjoni kollha tal-Minuti kif giet trattata din il-materja; u li wara li jintwerew il-materjal kollu lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, kif ukoll wara li dan jikkonferma ma' min kien prezenti ghall-laqghat precedenti fosthom mal- Kunsillier Joe Brincat, titiehed decizjoni finali fil-laqgha li jmiss sakemm ma tasalx xi risposta konkreta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

13.63. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan jista' jwassal li huma jitilfu l-hinijiet fl-ewwel jiem ta' Lulju apparti l-fatt li la hemm direzzjoni minghand id-Direttur Generali, kull dubju li seta' kien hemm qal li jhoss li spiccat u ghalhekk ghandha tkompli tigi atwata id-decizjoni mehuda fid-9 ta' Marzu, liema decizjoni ghadha invigore.

13.64. Is-Sindku Joe Zammit qal li ahhjar isiru l-affarijiet kif issugerixxa fir-ruling halli il Vici Sindku ikun konvint u jkun ikjarifika il-mistoqsijiet tieghu ghall gid ta' kullhadd

13.65. Is-Sindku ghalaq il-laqgha fid-9.34pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 14 ta' Lulju 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |